**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Jannar, 2019**

**Talba Nru: 413/2018PM1**

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**Vs**

1. **Emanuel Felice (ID Nru. 23961(M)) u**
2. **Costantino Felice (ID Nru. 257586(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) t'Awwissu, elfejn u tmintax (2018) illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, erba mija u sebgha u ghoxrin euro u wiehed u sebghin centezmu (€1427.71) in linea ta' danni, imghax, spejjez legali gudizzjarji u VAT kif l-istess socjeta` attrici kienet kostretta taghmel a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAR311 proprjeta` tal-konvenut Emanuel Felice u dana meta tali vettura qed tinstaq mill-konvenut l-iehor Costantino Felice, li dak iz-zmien kellu eta` inferjuri ghall-hamsa u ghoxrin sena li kienet l-eta` specifikatament indikata fil-

polza tal-assikurazzjoni ghall-fini ta' kopertura u wara li fl-arbitragg fl-ismijiet 'Victor Joseph Cardona v. Elmo Insurance Limited et' (M2602/2011) il-konvenut Costantino Felice baqa' ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas ma ta x-xhieda tieghu jew ressaq xi provi ohrajn, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar, 2011, l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-24 t'April, 2014 skont l-art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mill-24 t'April, 2014 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti solidament bejniethom ingunti in subizzjoni.

Ra illi l-intimati gew debitament notifikati bl-atti tal-kawza odjerna fir-rigward tal-konvenut Emanuel Felice fl-4 ta' Settembru, 2018 u fir-rigward tal-konvenut Costantino Felice fit-28 ta' Settembru, 2018.

Ra l-atti tal-kawza inkluz n-nota tas-socjeta` attrici datata 10 ta' Dicembru, 2018 u d-dokumenti annessi.

Ra li l-konveuti baqghu qatt ma pprezentaw risposta salv ill fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2018 l-avukat difensur tal-intimati talab li jigi awtorizzat iressaq ir-risposta f'isem l-istess intimati.

Sema' x-xhieda tal-intimati f'dan ir-rigward.

Ra d-digriet ta' dan l-istess Tribunal datat 4 ta' Dicembru, 2018 li bis-sahha tieghu u ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija sab li l-intimati huma kontumaci, cahad it-talba tal-istess intimati ghall-prezentata tar-risposta u kwindi ordna l-prosegwiment tal-kawza bil-provi atturi.

Ra li, waqt is-seduta tal-lum, l-avukat difensur tal-intimati prezenta nota li permezz taghha z-zewg konvenuti ammettew it-talbiet attrici.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti prezentata seduta stante.

Ra illi l-kawza giet konsegwentement posposta ghas-sentenza.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess intimati, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf, erba mija u sebgha u ghoxrin euro u wiehed u sebghin centezmu (€1427.71) in linea ta' danni, imghax, spejjez legali gudizzjarji u VAT sopportati mis-socjeta` attrici kif mitlub minnha, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar, 2011, l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-24 t'April, 2014 skont l-art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mill-24 t'April, 2014 sad-data tal-effettiv pagament ukoll kontra l-konvenuti solidament bejniethom.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.A. (Melit) M.Phil.**

**Gudikatur**